MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 641/2006

Alfred Stivala
vs
Ronald Azzopardi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih espona:

1. Fi Frar tas-sena 2004 ir-rikorrent silef, *brevi manu*, lill-intimat, is-somma ta' tnax-il elf u disa' mitt Lira (Lm12,900), u ghal din l-intimat hareg zewg *cheques*, wiehed erronjament datat 9 ta' Frar, 2003 meta kellu jigi minflok datat 9 ta' Frar, 2004 u dan fl-ammont ta' sitt elef u mitejn Lira (Lm6,200) u l-iehor datat 14 ta' Frar, 2004, fl-ammont ta' sitt elef u seba' mitt Lira (Lm6,700) (Dok. A).

2. Kif waslet id-data meta l-ewwel *cheque* kellu jissarraf, l-intimat konvenut informa lir-rikorrent sabiex ma

jipprezentax dan ic-*cheque* il-bank peress li ma kienx hemm fondi biex dan jissarraf.

3. Minn dak iz-zmien, il-konvenut kien iwieghed lir-rikorrent, kwazi ta’ kull gimgha, li kien ser ihallsu. Meta kien isir l-appuntament ghall-hlas, l-intimat kien ihassar l-appuntament.

4. L-intimat gie interpellat biex ihallas anke permezz ta’ ittra gudizzjarja tad-19 ta’ Mejju, 2005 (Dok B). Kif gja ntqal, l-intimat konvenut, f’diversi okkazjonijiet, wieghed lir-rikorrent li kien ser ihallsu l-ammont kollu dovut, izda hu baqa’ inadempjenti.

5. Wara l-ittra gudizzjarja, l-intimat ghadda lill-attur erba’ *cheques* datati hdax (11) u tmintax (18) ta’ Lulju, 2005 rispettivament u tlieta (3) u ghaxra (10) ta’ Settembru, 2005 rispettivament (Dok C), liema *cheques* inhargu fuq terzi persuni. L-ewwel *cheque* gie *referred to drawer* u l-ohrajn ma ssarfux.

6. Ir-rikorrent jaf personalment b’dawn il-fatti kollha.

Ir-rikorrent talab lilll-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ tnax-il elf u disa’ mitt Lira (Lm12,900), dovuta kif fuq spjegat, flimkien ma’ l-imghax dovut skond il-ligi mid-9 ta’ Frar ta’ l-2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimat li biha espona:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qatt ma jistghu jirnexxu stante li fl-ewwel lok,

assolutament m'huwiex minnu li l-attur qatt silef xi flus lill-intimat *brevi manu*, u l-unika transazzjoni ezistenti bejn il-kontendenti kienet dik ta' tisrif ta' flus barranin da parti ta' l-attur, kif jista' jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-attur huwa ferm esagerat u jekk qatt kien hemm xi ammont dovut lill-attur, dan ma kienx jeccedi l-ammont ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7,000), ukoll kif jista' jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi effettivament, fil-11 ta' Awwissu 2005, fit-18 ta' Awissu 2005, fit-3 ta' Settembru 2005 u fl-10 ta' Settembru 2005, l-intimat kien hareg erba' (4) cekkijiet illi komplessivament jammontaw ghas-somma ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) ghas-saldu ta' kull ammont pretiz mill-attur. Jigi rilevat illi, ghal ragunijiet lilu noti, l-attur kien ta struzzjonijiet lill-intimat illi johrog ic-cekkijiet relattivi f'isem persuni ohra, u cioe` Martin Chircop; Paul Agius; Paul Tonna u Paul Abela rispettivament.

4. Illi ghalhekk, jidher illi jekk l-attur qieghed jibbaza t-talbiet tieghu fuq ic-cekkijiet appena msemmija, allura hemm il-karenza ta' l-interess guridiku, stante li l-ebda wiehed mill-persuni li lilhom inhargu c-cekkijiet relattivi, ma huwa parti f'dina l-kawza.

5. Illi ma jirrizultax illi kien hemm xi assenjazzjoni ta' kreditu da parti ta' l-imsemmija Chircop, Agius, Tonna u Abela, u kwindi wkoll jirrizulta li l-attur odjern ma ghandu l-ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri.

6. Illi, ghall-kompletezza, jigi rilevat illi m'huwiex minnu li l-intimat qatt informa lill-attur sabiex ma jsarrafx ic-cekk datat 14 ta' Frar 2004 ghaliex allegatament ma kienx hemm fondi, izda kien l-attur innifsu li naqas milli jipprezenta c-cekk ghall-hlas.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Alfred Stivala li semma li lill-intimat Azzopardi sar jafu permezz tal-habib tieghu Ian Pecorella. Semma li meta ltaqghu Azzopardi talbu jisilfu Lm6,200 *cash* izda ma qallux ghalfejn riedhom. Zied li l-intimat baghat lil xi hadd li kien jahdem mieghu biex jigbor il-flus u tah *cheque* fl-istess ammont bid-data tad-9 ta' Frar 2003. Hu tah il-flus kif ftehmu u qal li ma kienx induna li d-data ta' fuq ic-*cheque* kellha s-sena mnizzla hazin. Kompla jghid li jumejn wara l-konvenut mar l-ufficcju tieghu u qallu li kellu bzonn Lm6,700 u hareg *cheque* iehor fl-istess ammont. Hu silfu l-flus *cash* u dwar imghaxijiet ma kienux ftehmu.

Wara gimgha mar isarraf ic-cekkijiet fil-fergha ta' l-HSBC ta' St. Andrews izda dawn ma setghux jissarfu minhabba li l-konvenut ma kellux fondi. Semma li hu kien imur l-ufficcju tieghu f'tas-Sliema personalment kif ukoll icempillu biex jghidlu biex jaghtih il-flus. Hu dejjem kien jghidlu li kien ser jaghtihomlu u kien jitolbu aktar zmien izda dan baqa' ma hallas xejn minn dak l-ammont. Wara li l-intimat sar jaf li kien ser jibda passi bil-Qorti kien tah erba' *cheques* li kienu jammontaw Lm7,000 bhala parti mill-hlas. Dawn ic-*cheques* kienu mahruga f'isem persuni li hu ma kienx jaf. Meta mar biex isarrafhom kienu regghu qalulu li c-cekkijiet ma jistghux jissarfu peress li l-intimat ma kellux fondi. Qal li fuq parir ta' l-avukat tieghu kitiblu biex ihallas u l-intimat weghdu li kien ser ihallsu. Semma li l-intimat kellu problemi mal-mara u li qabel ma jiccara xi affarijiet ma setax ihallas. Ghalkemm kien hemm komunikazzjoni bejn l-avukat tieghu u dak ta' l-intimat dan qatt ma hallas xejn. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

In kontro-ezami qal li ma kienx jiftakar ta' xiex kien il-kreditu, ghalkemm kien qed jitlob lura valur fi flus Maltin. Huma ma kienux jaghmlu kitba meta jissellef flus Azzopardi, izda kien jaghtih cekkijiet.

Gie prezentat affidavit ta' Ronald Azzopardi li semma li lir-rikorrent sar jafu fl-2000 permezz ta' Ian Pecorella li kien jahdem f'agenzija ta' l-ivvjaggar fejn kien jahdem hu wkoll bejn l-1978 u l-2003.  Qal li meta kien ikollu bzonn xi flus barranin gieli kien imur direttament ghand ir-rikorrent u kien kien hemm diversi drabi li ghamel dan tramite Pecorella.  Semma li mhux veru li lir-rikorrent sar jafu fl-2004 kif qed jghid hu imma kien ilu jafu fuq 3 snin u din il-kawza kontra tieghu qed issir fuq l-ahhar tranzazzjoni li li kien ghamel mieghu.  Meta kien jinghata l-flus barranin hu kien jaghtih kontrihom '*post dated cheque'* f'Liri Maltin ghall-15-il gurnata wara.

Semma li fi Frar 2004 kellu bzonn l-ekwivalenti f'Liri Sterlina ta' Lm12,900 ghalhekk mar ghand ir-rikorrent u dan tah dik is-somma fi flus kontanti.  Hu kien iffirmalu zewg cekkijiet *post dated* u cioe' wiehed datat 14 ta' Frar, 2004 fl-ammont ta' Lm6,700 u iehor datat 9 ta' Frar 2003 fl-ammont ta' Lm6,200.  Dawn ic-cekkijiet kienu jirrapprezentaw xiri ta' flus f'valuta estera u mhux self. Qal li meta fi Frar 2004 kien hallas lir-rikorrent is-somma ta' Lm6700 fi flus kontanti, dan la kien tah ricevuta u lanqas ic-cekk ta' Lm6,700 lura.  Hu lanqas qatt ma ipprezenta c-cekk ghall-hlas.  Qal li aktar tard kien tah aktar zmien biex ihallas izda ried li jhallsu l-imghax.  Kien talbu erba' cekkijiet fl-ammont komplessiv ta' Lm7,000, li minnhom Lm800 kienu imghax.  Riedu johrog ic-cekkijiet fuq isem terzi persuni u hu hekk ghamel, hareg ic-cekkijiet f'isem Martin Chircop, Paul Agius, Paul Tonna u Paul Abela.  Qal li c-cekk mahrug lil Martin Chircop u iffirmat mir-rikorrent kien gie ipprezentat ghall-hlas.  Ma jafx x'sar bl-ohrajn.

Semma li hu fadallu jhallas lir-rikorrent sitt elef u seba' mitt liri Maltin.

In kontro-ezami qal li hu qatt ma nghata ricevuti tal-hlasijiet. Zied li r-rikorrent ma kienx ried cekkijiet fuq ismu izda fuq persuni ohra. Qal li propjament ma kienx self ta' flus izda xiri ta' munita barranija. Sostna li kien fadallu jhallas lir-rikorrent is-somma ta' s-sitt elef u seba' mitt Lira Maltin.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mir-rikorrent stante li gie sostnut li sar self brevi manu lill-intimat, ghas-somma ta' Lm12,900, u ghal dan l-ammont l-intimat kien hareg zewg cekkijiet, wiehed datat 9 ta' Frar 2003, fl-ammont ta' sitt elef u mitejn Liri Maltin (Lm6,200), u l-iehor datat 14 ta' Frar 2004, fl-ammont ta' sitt elef u seba' mija Liri Maltin (Lm6,700).

Min-naha l-ohra, l-intimat laqa' billi qal li t-talba tar-rikorrent hija infondata peress li r-rikorrent qatt ma silef flus lill-intimat izda, it-tranzazzjoni kienet dik ta' tisrif ta' flus barranin da parti tar-rikorrent. Gie eccepit ukoll, li l-ammont pretiz huwa esagerat, u *se mai* l-ammont dovut huwa ta' sebat elef Liri Maltin (Lm7,000). Gie eccepit ukoll li r-rikorrent kien ta struzzjonijiet lill-intimat biex johrog cekkijiet f'isem persuni ohra u ghalhekk ir-rikorrent m'ghandux interess guridiku f'dawn il-proceduri.

Ma irrizulta li ma kien hemm ebda skrittura fir-rigward tas-self allegat, u anqas dwar xi tranzazzjoni ta' natura ohra. Illi irrizulta mix-xhieda tar-rikorrent li hu ta b'self l-ammont ta' tnax-il elf u disa' mitt Liri Maltin (Lm12,900) lill-intimat. Izda min-naha l-ohra, l-intimat innega dan u sostna li t-tranzazzjoni bejn il-partijiet kienet ta' tisrif ta' flus. Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Ronald Azzopardi fejn qal li kien diga hallas l-ammont ta' Lm6200 meta mar ghand Alfred Stivala fi Frar 2004, izda ta' dan huwa ma nghata l-ebda ricevuta (fol 30 u 49 tal-process).

Huwa sostna wkoll li l-ammonti f'dawn ic-cekkijiet jirrapprezentaw xiri ta' flus f'valuta estera u mhux self. Illi minn analizi ta' l-atti tal-kawza, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak sostnut mill-intimat ma giex sufficjentement ippruvat.

Minbarra hekk, fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent in kontro-ezami, ikkonferma li meta kien jislef il-flus lil Ronald Azzopardi, ma kienux jaghmlu kitba, kien jaghtih cekkijiet kontrihom. Gie ikkonfermat ukoll li l-ammonti dovuti lilu huma dawk l-ammonti li jidhru fic-cekkijiet a fol 4 tal-process.

Ghalhekk, l-ammonti l-ohra murija fic-cekkijiet indirizzati lil persuni ohra a fol 6 tal-process ma jitfghux aktar dawl dwar l-ammonti dovuti u mhumiex dwak mitluba fir-rikors. Ghalhekk dak eccepit mill-intimat li r-rikorrent m'ghandux interess guridiku ma jissussistix. *Nonostante* dan, ladarba ebda wiehed mic-cekkijiet ma seta' jissarraf, ir-rikorrent kellu jipprocedi bil-kaz in ezami. Jigi dedott, li galadarba l-intimat hareg dawn ic-cekkijiet, hekk kif ikkonferma hu stess, hu kellu l-intenzjoni li jithallsu dawn l-ammonti dovuti lir-rikorrent.

Illi r-rikorrent jippretendi li jithallas l-ammont ta' tnax-il elf u disa' mitt Liri Maltin (Lm12,900). Illi r-rikorrent ressaq il-provi tieghu a sodisfazzjon tal-Qorti filwaqt li min-naha ta' l-intimat , dak li gie sostnut mir-rikorrenti, ma giex validament oppost.

L-intimat ma rnexxielux jaghmel provi sufficjenti in sostenn tar-risposta tieghu li l-ammont *de quo* jirreferixxi ghal tisrif ta' flus barranin. Ukoll l-intimat isostni li t-talba ghall-ammont hija wahda esagerata minhabba li l-ammont dovut huwa ta' Lm6700, izda l-Qorti gahndha quddiemha zewg cekkijiet, wiehed ta' Lm6200 u wiehed ta' Lm6700 iffirmati mill-intimat favur ir-rikorrent li ma jidhirx li gew qatt imsarrfa. Dan iwassal li l-Qorti jkollha toqghdoq fuq dak li sostna r-rikorrent u cioe` li l-ammont dovut huwa ta' Lm12,900. Certament dwar dawn ir-rikorrent kellu l-interess guridiku necessarju.

Dwar l-imghax ma jidhirx li kien hemm xi ftehim specifiku u ghalhekk huwa dekorribbli biss mill-interpellazzjoni, mill-fatti kif jirrizultaw.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat, stante li ma saret l-ebda prova li t-tranzazzjoni kienet tisrif ta' flus u mhux self.

Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-intimat stante li ma saret l-ebda prova li l-ammont mitlub huwa esagerat.

Tichad l-eccezzjoni li r-rikorrent m'ghandux interess guridiku ghax certament kellu kull interess jottjeni l-hlas ta' Lm12,900.

Minn analizi tal-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti wara li ssib it-talba bhala wahda gustifikata, tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' tnax-il elf u disa' mitt Liri Maltin (Lm12,900), ekwivalenti ghal €30,048.92.

Bl-imghax dovuti mid-19 ta' Mejju 2005, spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------